Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 150/2008

**Samantha Jane Gatt (I.D. Card Nru. 428788M)**

**Vs**

**Roderick Borg (I.D. Card Nru. 226179M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici titlob li l-konvenut jigi ikkundannat ihallasha s-somma ta’ tett elef erba’ mija erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06) [ekwivalenti ghal Lm1,500] rapprezentanti parti mid-depozitu imhallas mill-attrici lill-konvenut fuq konvenju datat 17 ta’ Marzu 2006 liema konvenju gie rexiss fis-17 ta’ Mejju 2007, liema ammont il-konvenut naqas li jirrifondi lill-attrici ; bl-ispejjez u l-imghax legali


Qrati tal-Gustizzja

dekoribbli mis-17 ta' Mejju 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u l-Avviz tas-seduta izda huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici fil-konfront tal-konvenut u l-fatt li l-istess konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------